# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 3 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs.**

**Kevin Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kevin Galea, ta' 40 sena, bin il-mejjet John u Mary nee' Attard, imwieled Sliema nhar it-13 ta' Lulju 1967, residenti Sunrise, Flat 1, Triq il-Maghluq, Marsaskala u detentur ta' karta tal-identita bin-numru 396067(M).

Akkuzat:

Talli nhar is-26 ta' Gunju, 2008, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu, f'Marsaskala, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Jacqueline Susan Galea f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta ir-reat hawn fuq imsemmi meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Dicembru 2009, fejn deherlu li l-imputat jista' jinstab hati tas-segwenti reati kontemplati:

a) fl-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) fl-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fid-data tal-incident, l-imputat kien pulizija mizzewwg lil Jacqueline Susan Galea. Il-gurnata qabel l-incident, ghalqu erbatax (14)-il sena mizzewwgin, u kellhom zewgt itfal.

2. Sa Dicembru 2007, l-imputat ma kellu l-ebda problema, la personali u lanqas maritali. Mix-xhieda kemm ta' Jacqueline Galea quddiem t-tlett psikjatri esperti mahtura minn din il-Qorti,[1] kif ukoll minn dik tal-imputat quddiem din il-Qorti, jirrizulta li matul

[1] Il-psikjatri Dottor George Debono, Dottor Joseph Vella Baldacchino u Dottor Joseph Mifsud.

dak ix-xahar zviluppatlu impotenza sesswali. Konsegwenza ta' dan il-fatt, l-imputat beda jinghalaq fih innifsu u kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-koppja, kemm fuq livell fiziku kif ukoll gemozzjonali.

3. Fix-xhieda taghha Jacqueline Galea ammettiet li biex timla dan il-vojt hi bdiet taghmel komunikazzjoni ma' ohrajn permezz tal-computer (*chatting)*.

4. Jacqueline Galea ma bediex joghgobha li jkollha tfittex relazzjoni ohra barra z-zwieg permezz tal-internet, u fil-fatt stqarret kollox mal-imputat. Dan ikkonfermah ukoll l-imputat fl-istqarrija tieghu, li sussegwentement ikkonfermaha bil-gurament quddiem din il-Qorti. Jacqueline Galea ssuggerietlu biex imorru ghal counselling biex isolvu din il-problema. L-ewwel reazzjoni tal-imputat kienet li huma ma kellhomx bzonn counselling, ghalkemm eventwalment accetta li jmur.

5. Wara li Jacqueline Galea stqarret mal-imputat x'kienet qed taghmel, l-imputat sar hafna possessiv u il-hin kollu jiccekkjaha, jissorveljaha u jinterrogha. Huwa jghid li l-mara qaltlu x'kienet qed taghmel ghal habta ta' April 2008, u minn dak in-nhar beda jissuspetta li kellha relazzjoni ma' haddiehor, anke ghaliex beda jissorvelja l-messaggi fuq il-mobile u kemm kienet qed jonqsilha l-*credit* fuq il-mobile. Il-fatt li martu kien ikollha dik ir-relazzjoni fuq l-internet, u setghet ikollha relazzjoni ma' ragel iehor, tant taghtu gewwa, li tlett darbiet hedded lil mara li kien se jaghmel attentat ta' suwicidju. Dawn l-attentati qatt ma saru.

6. Jacqueline Galea iddecidiet li titlob l-ghajuna ta' psikjatra. Peress li kienet taf li l-imputat ma kienx se jaccetta li jmur ghall-ebda raguni, allura hi qaltlu li riedet tmur tkellem psikjatra ghall-problema taghha.

7. Ghaldaqstant fit-23 ta' Gunju 2008, hu akkompanjaha l-isptar Mater Dei, fejn kellhom appuntament mal-psikjatra Dottor David Cassar. Matul dan l-appuntament Dottor Cassar kellem lill-imputat, u dan tal-ahhar assigurah li ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel xi hsara lil martu.

8. Fix-xhieda tieghu quddiem it-tlett psikjatri esperti, Dottor Cassar xehed hekk: *"Hu* (l-imputat) *kien gie ghandi wara li persuni fil-familja tieghu insistew li ifittex l-ghajnuna. Ir-raguni li sirt naf dak in-nhar kienet li kien qed jemmen b'mod falz li l-*

*mara tieghu kien qed ikollha relazzjoni ma' haddiehor. ... ... Meta rajtu jien, kien car li kien qed ibati minn psikosi fejn kellu deluzjonijiet (twemmin falz) ta' infedelta kif ukoll delusional perceptions. ... ... Dan kollu sirt nafu fl-ewwel gurnata li ltqajt mieghu professjonalment. ... ... (F)l-evalwazjoni tar-riskju Kevin Galea repetutament accenna li zgur ma jasalx li jaghmel hsara lil martu. ... ... (T)nejn mill-ahwa ta' Kevin Galea jbaghtu minn mard mentali ta' tip psikosi kroniku."* Dottor Cassar ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal illi fl-evalwazzjoni intensiva tieghu dak in-nhar ma rrizultalux li Kevin Galea kellu bzonn jigi ospitalizzat.

9. Dottor Cassar ippreskriva lill-imputat xi pilloli u tah appuntament ghal gimgha wara. Hariglu wkoll certifikat biex jiehu tlett ijiem sick leave (bejn it-23 u is-26 ta' Gunju 2008)[2]

10. Hemm konflitt bejn il-verzjoni ta' Jacqueline Galea u dik tal-imputat dwar id-dinamika tal-incident, bil-mod kif xehdu quddiem it-tlett esperti psikjatrici. Dan l-incident sehh tlett ijiem wara li kienu marru ghand il-psikjatra. Dak in-nhar, huma t-tnejn kienu wasslu t-tfal l-iskola, u Jacqueline Galea kienet qed tipprepara biex tmur ghax-xoghol.

11. Skond ix-xhieda ta' Jacqueline Galea quddiem it-tlett esperti psikjatrici, *"Ergajt mort lura lejn il-bathroom u sibt lil Kevin bil-qieghda kokka b'idejh it-tnejn maghqudin ponn u ma' sidru, u wiccu kien jidher (really evil) fil-fatt ghalija kien qisu ix-xitan. Wiccu kollu kien tal-biza dak il-hin ma rajt l-ebda affarijiet li ma jappartjenux lil bathroom. Jien x'hin rajtu hemm ghidtlu Kev, x'il marelli qed taghmel. Hu ma qal xejn, imma qabaz ghal fuqi b'mod selvagg qisu tigra. Malli qabez ghal fuqi jien waqajt mal-art. Ma kien hemm l-ebda diskors bejnietna. Fis-split second hu kien gharkuptejh fuqi u ma stajtx nitkellem u bdejt inhossu qed jifgani. Kull ma stajt naghmel hu li naghti b'idi u b'sieqi ghax ma stajtx nitkellem. Ftit mumenti wara intlift minn sensija u ma niftakar xejn izjed hlief li meta qomt sibt ruhi fl-Intensive Care Therapy Unit tal-Isptar Mater Dei."*

12. Fix-xhieda tieghu quddiem it-tlett esperti psikjatrici, l-imputat jghid li *"Waqt li hi kienet qed taghmel xagharha quddiem il-mera, jien mort warajha u mort nannaqha u nbusha. Dak il-hin jien hassejt li qed indejjaqha u gieni hsieb li nohrog mill-kamra*

[2] Ara Dok KG1 a fol. 282 tal-process.

*tal-banju imma ma stajtx. Ftit mumenti wara qbaddtha minn ghonqha bl-intenzjoni li nohrogha mieghi. Billi kont qed nafasha, hi ma setghetx titkellem. Kont qed nafasha bil-goff u ahna waqajna t-tnejn mal-art. … … Malli waqajt mal-art apparentement sibt il-wire tac-charger qrib ghonqha u apparentement dawwartulha ma' ghonqha u ippruvajt nifgaha bih. Meta gejt f'sensija nara lil mara mitlufa minn sensiha pero kont cert li qed tiehu n-nifs."* L-imputat xehed li ghandu problema jiftakar xi hsibijiet kellu meta waqa' mal-art sakemm gie f'sensieh. Hu jghid li dam mitluf minn sensih ghal madwar zewg minuti.

13. Mhux kontestat, u jirrizulta mill-provi, li kien l-imputat stess li mill-ewwel cempel lill-ambulanza, u immedjatament wara, cempel lill-pulizija. Imbaghad rega' mar hdejn il-mara biex jaghtiha l-ghajnuna biex tkompli tiehu n-nifs, u baqa' jaghtiha l-ghajnuna meta gew il-Pulizija, li bdew jassistuh, sakemm giet l-ambulanza, li hadet lil Jacqueline Galea l-isptar.

14. Skond ir-rapport tal-espert tabib forensiku Dottor Mario Scerri:

*"9. Illi f'dan il-kaz l-asphyxia deskritta aktar 'il fuq kienet kagunata minn pressjoni manwali fuq l-ghonq u pressjoni madwar l-ghonq maghmula minn strument twil u irqiq bhalma huwa lazz jew wire (manual pressure u active ligature), liema pressjoni wasslet ghal near strangulation; … …*

*12. Illi l-kundizzjoni ta' Galea meta din iddahhlet l-isptar Mater Dei kienet wahda kritika u kieku ma sarx intervent immedjat, din certament kienet tmut."*[3]

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Id-difiza mhux qed tikkontesta li bhala fatt l-imputat ipprova jghallaq lil martu, pero qed tissolleva zewg eccezzjonijiet subordinatament ghal xulxin – l-ewwel wahda hi l-iskriminanti li fil-hin tar-reat l-imputat kien fi stat ta' genn, u subordinatament l-iskuzanti tal-passjoni

[3] Ghalkemm fix-xhieda tieghu Dottor Jonathan Joslyn, it-tabib tad-Dipartiment tal-Emergenza, ma jghidx espressament li Jacqueline Galea kienet f'kundizzjoni kritika, huwa xehed li kien hemm sinjali ta' *anoxic brain injury*, jigifieri nuqqas ta' ossignu fil-mohh, peress li ma kienetx qed tiehu nifs sew, u minhabba f'hekk kellhom jintubawha u jdahhluha l-ITU. Fix-xhieda tieghu a fol. 31 tal-process, l-Ispettur Jesmond Borg jghid li meta wasal l-Isptar Mater Dei, Dottor Joslyn infurmah li Jacqueline Galea kienet *"fil-perikolu imminenti tal-mewt."*

istantanja jew agitazzjoni tal-mohh. Il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra dawn iz-zewg linji difensjonali.

*L-Eccezzjoni tal-Genn*

L-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas –*

(a) *kienet fi stat ta' ġenn; ... ..."*

Fis-sentenza r-**Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri**, deciza fil-25 ta' Settembru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom "Criminal Law"[4]:*

***"It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder."[5]***

*Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun*

---

[4] *Jones, T.H. & Christie, M.G.A.* ***Criminal Law****, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.*

[5] *op.cit. p.140, para. 8.13.*

*fuqu biex jipprova l-fatt)*[6] *li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv*[7] *(i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – disease of the mind bl-Ingliz – mhux necessarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` di intendere, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` di volere –*

***"The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time … … But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules … … 'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules***[8]***, it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act."***[9]

*U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008:*

***"It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding***[10]***. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these***

[6] *Jekk, mill-banda l-ohra, tkun il-prosekuzzjoni li asseriet, permezz ta' rikors ghall-kontestazzjoni tal-fehma tal-periti prezentat fil-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 402(5) tal-Kap. 9, li l-imputat ma kienx fi stat ta' genn fil-mument tal-att, allura tkun l-istess prosekuzzjoni li ghandha tipprova dan sal-grad tal-konvinciment morali.*

[7] *Ghall-kuncett ta' diminished responsibility ara, fost ohrajn,* **Il-Pulizija v. Raymond Vella** *App. Krim. 2/8/1999.*

[8] *i.e. "…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong."*

[9] *p. 172.*

[10] *U fil-kaz taghna tal-kapacita` li wiehed jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.*

***purposes even though it is of physical rather than mental origin … … However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease' (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922, emphasis added)."***[11]

*L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi*[12]*.*

*Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:*

***"The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it."***

Dan l-istess insenjament gie ikkwotat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament komposta) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**, deciza fl-4 ta' Marzu 2010. F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ziedet biss kwotazzjoni tal-awturi **Timothy Jones u Michael Christie**[13], b'riferenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza u li hi simili hafna ghal dik taghna:

*"**The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at***

---

[11] *Para. A3.17, p. 45-46.*

[12] *Fir-rigward ta' dipendenza fuq droga u kriziijiet ta' astinenza fil-kuntest tal-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, ara **Il-Pulizija v. Grazio Spiteri** App. Krim. 7/7/1997.*

[13] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh) 1992.

***the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."***

Ghalhekk sabiex l-eccezzjoni tieghu tal-genn tigi milqugha minn din il-Qorti, l-imputat jehtieglu jipprova, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, li fil-mument li kkommetta r-reat, hu kellu marda tal-mohh, *a disease of the mind*, a differenza ta' *a disease of the brain.* Biex ikun hemm *a disease of the mind* dovuta ghal kawza jew kawzi fizici, dik il-kawza trid tkun effettivament ipprivat lill-imputat mill-kapacita li jaghraf *(capacita di intendere)* jew mill-kapacita li jaghzel *(capacita di volere).*

Fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2009,[14] it-tlett periti psikjatrici[15] nominati minn din il-Qorti, halfu r-rapport taghhom. Wara li huma ezaminaw u semghu ix-xhieda tal-imputat, tal-mara tieghu, u tal-Psikjatra Dottor David Cassar, u kkonsultaw in-noti klinici tal-imputat, waslu ghal dawn il-konkluzjonijiet:

*"Osservazzjonijiet*

*Ma jirrizultaniex li Kevin Galea kellu xi problemi mentali qabel ma sar impotenti u nduna li l-mara kienet qed twarrbu u tfittex relazzjonijiet ohra.*

*Jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll taghha, li hu veru li hi kellha certi komunikazzjonijiet ma' persuni ohra, kemm bl-internet kif ukoll bit-telefon cellulari.*

*Minkejja li Dr. Cassar deherlu li kien qed ibati minn psikozi, jigifieri li ma kienx hemm kuntatt mar-realta, it-trattament li huwa tah ma tikkorrispondix mal-kondizzjoni psikjatrika li hu (Dr. Cassar) stqarr li l-imputat kien qed ibati minnha.*

*Dr. Cassar ma hassx il-bzonn li jinvoka l-Mental Health Act u jospitalizza lill-imputat. Hu hassu li seta' jemmen dak li qallu l-imputat li mhux se jaghmel hsara lil mara, haga, li minnha nfisha qed teskludi stat psikotiku.*

*Ix-xhieda tal-imputat teskludi li waqt l-aggressjoni hu kien b'xi mod fi stat konfuzjonali jew dissocjattiv. Dan minhabba l-fatt illi l-imputat ftakar fid-dettal certi aspetti u hinijiet fl-izvolgiment tal-attentat.*

*Konkluzjoni:*

*Ghaldaqstant, ahna hawn taht iffirmati, esperti psikjatrici, jidhrilna illi l-imputat, fil-mument tal-attentat:*

---

[14] Ara fol. 231 *et seq.* tal-process.

[15] Dottor Joseph Vella Baldacchino, Dottor George Debono u Dottor John Mifsud.

1. *kien ghaddej minn stress emozzjonali;*
2. *ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi;*
3. *kellu l-kapacita 'di intendere e di volore'.*

Apparti x-xhieda ta' Dottor David Cassar, li din il-Qorti ser tikkummenta fuqha izjed l-isfel f'din is-sentenza, u din ir-relazzjoni tal-periti psikjatrici, hemm relazzjoni ohra tal-psikjatra Dottor Ethel Felice, li kienet giet nominata mill-Magistrat Inkwerenti fil-kors tal-inkjesta dwar l-*in genere* biex tezamina l-istat mentali tal-imputat – allura semplici indizjat – biex jigi stabbilit jekk huwa kienx f'kundizzjoni li jigi investigat mill-pulizija, kif tghid hi stess fir-rapport taghha.[16] Hija ezaminat lill-imputat fis-26 ta' Gunju 2008, u cioe dak-in-nhar stess tal-akkadut, ghalkemm ma tindikax il-hin li fih sar dan l-ezami.

Fir-rapport taghha fl-atti tal-inkjesta, l-esperta psikjatrika Dottor Felice qalet hekk:
*"Mr Kevin Galea kien liebes propizju; accetta li jigi ezaminat u seta' jifhem, wara li intruducejt ruhi, r-raguni tal-prezenza tieghi. Kien orjentat ghal dak li huwa hin, persuna u post. Kien koorenti fi kliemu barra milli rrisponda b'relevanza ghal kulma saqsejtu, kien spontanju hafna f'dak li huwa stess irrakkonta waqt l-ezami. Ta' min jinnota wkoll li wera emozzjoni kongruwenti ghalkemm dipressiva u wera memorja cara kemm ghal dak li huma avvenimenti ricenti u kemm remota, wera wkoll dettalji kif jidher f'dak li qal li jien nissottometti kelma b'kelma … …*

***Konsiderazzjonijiet Peritali u Konkluzjonijiet***

*Kien kooperattiv, koerenti u orjentat ghal dak li huwa post, persuna u hin. Memorja tajba anzi elevata (hypermnesia) kemm ghal dak li huwa ricenti u dak li hu remot. Intelligenza f'limiti normali.*

*Ghal dawn l-ahhar tlitt xhur dahallu hsieb dwar martu li kellha xi kuntatt ma' haddiehor u huwa rreagixxa billi waqa' fi dwejjaq kbar u f'ruminazzjonijiet kontinwi biex joqghodilha*

[16] Dan r-rapport qieghed fl-atti tal-inkjesta li tinsab a fol. 115 tal-process.

*ghassa u interpreta kull avveniment jew mossa li tikkonfermalu li dak li haseb ghandu gheruq fil-verita. Hija nnegat imma kollu ghal xejn, ghax baqa jinsisti u ghassilha … …*

*Fil-Psikjatrija din insibuha bhala Morbid (Pathological) Jealously jew Othello Syndrome u malli attakka vjolentement lil martu juri li huwa kien taht influwenza patologika li tirrendieh nieqes minn kull fren, kontroll u deliberazzjoni u li din hija akkumulazzjoni ta' tlett xhur thewdin, ruminazzjonijiet, dipressjoni.*

*Jidher car li psikjatrikament l-imputat huwa taht deluzjoni paranoid, immirata lejn persuna wahda (vulnerabbli) ghalhekk kien indikat li jittiehed taht osservazzjoni l-isptar psikjatriku u jinghata l-kura mehtiega.*

*Ergajt ezaminajtu diversi drabi fl-isptar Mount Carmel u waqt l-ezami psikjatriku li ghamilt jidher li kien car, koerenti, kooperattiv u orjentat u ghalhekk seta' jigi intervistat mill-agenti tal-ligi."*

Quddiem din il-Qorti, l-espert Dottor Ethel Felice xehdet hekk *"Le dak il-hin meta rajtu jiena u ezaminajtu, le dak il-hin waqt l-att, ma kellux* (il-kapacita) *la intendere u lanqas volere."*[17]

Pero meta wiehed jara r-rapport ta' Dottor Ethel Felice jinduna immedjatament li l-versjoni tal-fatti li l-imputat taha ma kienitx wahda kompluta bhal dik li tat il-mara tieghu lit-tlett esperti psikjatrici, u li ta l-imputat stess quddiem din il-Qorti. Mir-rapport taghha ma jirrizultax li l-imputat qal lil Dottor Felice li minn Dicembru 2007 hu beda jbati minn impotenza sesswali, u li kagun ta' dan il-fatt inholqot tensjoni bejnu u bejn il-mara tieghu, li wassalha biex tfittex relazzjoni ohra minn fuq l-internet jew bit-telefon cellulari, u li kienet il-mara tieghu stess li ammettiet mieghu dan il-fatt, xi tlett xhur qabel.

Lil Dottor Ethel Felice, l-imputat qalilha semplicement li ghall-ahhar tlett xhur, wara li sab messagg fuq it-telefon cellulari tal-mara, dahallu suspett li l-mara qieghda ma' haddiehor, u hadha bi kbira hafna u iffissa fuq dan is-suspett, u l-imgieba lejha sesswalment naqset specjalment ghal dawn l-ahhar tlett xhur. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li hija l-versjoni li

[17] Ara fol. 166 tal-process, u fol. 298 tal-process.

Jacqueline Galea tat lit-tlett esperti psikjatri, li f'hafna aspetti tattalja mal-versjoni tal-fatti li ta l-imputat quddiem din il-Qorti, li hija l-iktar wahda attendibbli.

Billi l-imputat naqas li jghid lil Dottor Ethel Felice fatti importanti dwar x'wassal ghall-incident in kwistjoni – u lanqas jirrizulta mill-provi li xi darba wara r-rapport taghha, Dottor Felice kellmet lil mara tieghu biex tiehu l-verzjoni taghha – Dottor Felice kienet zvijata fid-dianjonzi taghha. Is-suspett tal-imputat li martu kellha relazzjoni ma haddiehor, ma kienx semplici deluzjoni paranoid, imma dan is-suspett kien fondat fuq il-fatti, ghaliex martu stess kienet ammettiet mieghu li ppruvat ikollha relazzjoni ma' haddiehor, u l-fatt li hu kien ilu xhur ibati minn impotenza sesswali certament ghenet biex hu jzid il-biza' tieghu, li martu effettivament tasal biex titilqu. Fl-opinjoni tal-Qorti, dawn il-bizghat, suspetti u dwejjaq fondati fuq fatti veri jistghu biss jitqisu bhala emozzjonijiet ta' ragel normali f'dawk ic-cirkostanzi partikolari.

Il-Qorti ma tahsibx li l-fatt li l-incident sehh l-ghada fil-ghodu tal-anniversarju taz-zwieg tal-kopja kien ko-incidenza.[18] La l-imputat u lanqas martu ma accennaw b'xi mod ghal kif qattghu dan il-jum u lejl. Pero fir-rapport taghha fl-inkjesta, Dottor Ethel Felice tghid li l-imputat qalilha *"Ghamilt l-aghar lejl ta' hajti ghax ma stajtx norqod. Dal-ghodu qabel ma wassalt lit-tfal kelli deghxa u kont imdejjaq hafna."* Dan il-kliem jindika bic-car li matul dak il-jum u/jew lejl kien hemm xi forma ta' disgwid serju bejn il-koppja, li geghlet lill-imputat jghaddi lejl imqajjem jinkwieta.

Ghall-istess raguni, l-analizi tal-Psikjatra Dottor David Cassar, li ezamina lill-imputat xi tlett ijiem qabel l-incident, hija wkoll zbaljata, ghax hija mibnija fuq il-bazi (fattwalment skorretta) li l-problemi ta' natura psikjatrika tal-imputat kienu naxxenti minn deluzjonijiet (twemmin falz) ta' infedelita kif ukoll *delusional perceptions.*[19] Fil-fatt, il-Psikjatra Cassar xehed quddiem it-tlett psikjatri esperti illi l-familjari tal-imputat fittxew l-ghajnuna tieghu u jkompli jghid *"Ir-raguni li sirt naf dak in-nhar kienet li kien qed jemmen <u>b'mod falz</u> li l-mara tieghu kien qed ikollha relazzjoni ma xi hadd iehor."* (sottolinear tal-Qorti) Kif diga inghad jirrizulta ampjament mill-provi, u ammess kemm mill-imputat kif ukoll minn martu, il-mara tal-imputat vera kienet ippruvat taqbad relazzjoni ma' ragel iehor ghall-inqas permezz tac-

---

[18] Ara rapport ta' Dottor Ethel Felice a fol. 26 tal-proces verbal.
[19] Ara x-xhieda ta' Dottor David Cassar quddiem it-tlett psikjatri esperti a fol. 237 tal-process.

*chatting*, konsegwenza tal-fatt li l-imputat zviluppatlu impotenza sesswali, li ikkagunat nuqqas ta' komunikazzjoni kemm fuq livell fiziku kif ukoll fuq dak emozzjonali bejniethom.

Ghalkemm jirrizulta li Dottor David Cassar kien kellem lill-imputat quddiem martu fl-ewwel appuntament li kellu mieghu, ftit jiem qabel l-incident, min imkien ma jirrizulta li Jacqueline Galea u/jew l-imputat, qal/u l-verita kollha lil Psikjatra Cassar. Pero fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, il-Psikjatra Cassar jammetti li hu kien jaf – ghalkemm ma jispecifikax meta sar jaf - li l-kopja kienet ghaddejja minn problemi, ghalkemm ma jispecifikax x'kienu, u li Jacqueline Galea kienet baghtet *"inappropriate"* sms jew email li izjed ippreokkupaw lill-imputat.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-osservazzjoni tat-tlett periti psikjatrici illi:

1. Minkejja li l-Psikjatra Cassar deherlu li kien qed ibati minn psikozi, jigifieri ma kienx hemm kuntatt mar-realta, it-trattament li huwa tah ma jikkorispondix mal-kondizzjoni psikjatrika li hu (l-Psikjatra Cassar) stqarr li l-imputat kien qed ibati minnha.
2. Il-Psikjatra Cassar ma hassx il-bzonn li jospitalizza lill-imputat. Hu hassu li seta' jemmen dak li qallu l-imputat, li mhux se jaghmel hsara lill-mara, haga, li minnha nfiha teskludi stat psikotiku.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, il-Psikjatra Cassar jipprova jirribatti dawn l-osservazzjonijiet tat-tlett periti psikjatrici. Hu jinsisti li t-trattament li tah kien jintuza f'kazijiet ta' psikozi, pero din il-Qorti ma thossx li hemm raguni valida ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-asserzzjoni tat-tlett esperti mahtura minnha li l-pilloli li tah ma kienux intizi ghal kundizzjoni ta' psikozi.

Inoltre, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, il-Psikjatra Cassar jinsisti li meta sar jaf bil-kaz minghand familjari tal-mara tal-imputat, hu kien pre-okkupat hafna ghas-sigurta ta' Jacqueline Galea, tant li ried jezamina lill-imputat dak in-nhar stess, u l-familjari irrifjutaw. Din ix-xhieda ma hi bl-ebda mod korroborata la bix-xhieda tal-imputat u lanqas b'dik ta' martu, jew xi xhieda ohra. Inoltre, din ix-xhieda hija kontradetta mix-xhieda li l-istess Psikjatra Cassar ta quddiem it-tlett psikjatri esperti, fuq citata, fejn xehed li l-ewwel darba li sar jaf ir-raguni ghaliex il-familjari kienu qeghdin ifittxu l-ghajnuna ta' psikjatra kien propju l-ewwel darba li ezaminah – u cioe meta rah l-isptar Mater Dei. Il-Psikjatra Cassar xehed ukoll li dak-in-nhar hu ried idahhal lill-imputat l-Isptar Monte Carmeli, pero l-mara tal-

imputat ma rieditx. Dan il-fatt ukoll ma jissemma mkien fix-xhieda tal-mara tal-imputat u lanqas fix-xhieda li l-istess Psikjatra Cassar ta quddiem it-tlett psikjatri esperti.

Rigward id-dinamika tal-incident, kif diga inghad hemm verzjonijiet differenti bejn dik ta' Jacqueline Galea u dik tal-imputat. Jacqueline Galea xehdet darbtejn fuq id-dinamika tal-incident darba quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti, meta kienet ghadha l-isptar, u darba quddiem it-tlett esperti psikjatrici. Din l-ahhar xhieda giet riprodotta iktar il-fuq f'din is-sentenza. Ix-xhieda li tat lill-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti dwar id-dinamika tal-incident, taqbel in sostanza ma' dak li xehdet quddiem it-tlett esperti psikjatrici, ghalkemm din ix-xhieda hija qasira u ma tidholx f'dettalji dwar il-problemi li kien hemm bejn il-koppja.   Pero wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li din ix-xhieda ittiehdet jumejn biss wara l-akkadut u meta kienet ghadha l-isptar. Ghalkemm Jacqueline Galea xehedet ukoll quddiem din il-Qorti, hija ma regghetx xehdet fuq kif sehh l-akkadut.

Min-naha l-ohra l-imputat ta verzjonijiet differenti x'gara. Il-verzjoni li ta lit-tlett esperti psikjatrici tinsab riprodotta iktar il-fuq f'din is-sentenza.

Fir-rapport taghha fl-atti tal-inkjesta, l-esperta Dottor Ethel Felice tghid li l-imputat qalilha li dak in-nhar tal-incident kellu l-aghar lejl ta' hajtu ghax ma raqadx. Wara li wassal it-tfal l-iskola, mar lura d-dar u *"kelli biza' kbira li titlaqni u li qed taghmel hekk biex nitlaq mid-dar, hassejt pressjoni f'rasi, xaqq l-gharaq ghalija, rajt dalma u qbattha minn ghonqha. Ma kontx naf x'qed naghmel. Gejt f'daqqa wahda f'tieghi u cempilt il-pulizija u l-ambulanza."*

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid hekk *"Dak in-nhar tal-incident u cioe fis-26 ta' Gunju 2008, qomna fil-ghodu, mort inwassal lit-tifla u n-neputijiet l-iskola u kif wasalt id-dar kont imxarrab ghasra bil-gharaq. Qalbi bdiet thabbat hafna, naf li poggejt hdejn il-mara fil-kamra tas-sodda u ergajt ippruvajt nibda nkellimha biex nirrangaw. Hi qaltli: "I have to go to work ... ... I can't stay here and I'm tired of hearing the same discussions." Imbaghad marret tkompli xi haga fil-kamra tal-banju u bdiet taghmel xagharha. Dak il-hin, minn gewwa l-kamra tal-banju, qalet xi haga li ma niftakarx x'kienet pero kienet xi haga li taghtni x'nifhem li qed indejjaqha hafna, gietni bhal dalma kbira quddiem ghajnejja, dhalt fil-kamra tal-banju, qbadtha b'idi u sibt ruhi fuqha mal-art. Dak il-hin ma kelli xejn f'idi imbaghad fl-istess dalma li gietni quddiem ghajnejja, gie f'idi ic-charger tal-mobile phone u dawwartulha ma' ghonqha ukoll. F'dan il-waqt gejt qisni f'tieghi u ndunajt x'kont qed naghmel b'idi.*

*Ergajt nehhejt il-wire charger minn ma' ghonqha, bdejt nghajjat le, le, le Jackie inhobbok u x'qed naghmel b'idejja u mort nigri ncempel lill-ambulanza u lill-pulizija."*[20] Din l-istqarrija giet ikkonfermata bil-gurament mill-imputat quddiem din il-Qorti.[21]

Il-verzjoni tal-akkadut li l-imputat ta lill-esperta Dottor Ethel Felice u dik li ta fl-istqarrija tieghu jaqblu in sostanza ma dak li huwa xehed li gara quddiem it-tlett esperti psikjatrici. Pero, wara li hasbet fit-tul fir-rigward, din il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xhieda li Jacqueline Galea tat lit-tlett esperti psikjatrici hija l-iktar verzjoni attendibbli, ghax ghalkemm din ix-xhud hija l-vittma, huwa ovvju sa mill-ewwel xhieda taghha li m'ghandhix animosita lejn l-imputat u fl-opinjoni taghha ghamel li ghamel ghax kien marid.

Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-osservazzjoni tat-tlett esperti psikjatrici li *"Ix-xhieda tal-imputat teskludi li waqt l-aggressjoni hu kien b'xi mod, fi stat konfuzjonali jew dissocjattiv. Dan minhabba l-fatt illi l-imputat ftakar fid-dettal certi aspetti u hinijiet fl-izvolgiment tal-attentat."*[22] Effettivament l-esperta Dottor Ethel Felice – li ezaminatu dak in-nhar stess tal-akkadut - qalet l-istess haga fir-rapport taghha fl-atti tal-inkjesta *"Kien koerenti fi kliemu barra milli rrisponda b'relevanza ghal kulma staqsejtu, kien spontanju hafna f'dak li huwa stess irrakonta waqt l-ezami. Ta' min jinnota wkoll li wera emozzjoni kongruwenti ghalkemm dipressiva u <u>wera memorja cara kemm ghal dak li huma avvenimenti ricenti u kemm remoti</u>, wera wkoll dettalji kif jidher f'dak li qal … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-fatt dak in-nhar stess tal-incident, l-imputat qal hekk lill-esperta Dottor Felice:
*"Ghamilt l-aghar lejl ta' hajti ghax ma stajtx norqod. Dal-ghodu qabel ma wassalt lit-tfal kelli deghxa u kont imdejjaq hafna.*

*Mort lura id-dar, kelli biza' kbira li titlaqni u li qed taghmel hekk biex nitlaq mid-dar, hassejt pressjoni f'rasi, xaqq l-gharaq ghalija, rajt dalma u qbattha minn ghonqha. Ma kontx naf x'qed naghmel. Gejt f'daqqa wahda f'tieghi u cempilt il-pulizija u l-ambulanza."*

Ix-xhieda tal-imputat quddiem it-tlett psikjatri esperti, kif riprodotta iktar il-fuq, dwar id-dinamika tal-akkadut hija terga' hafna iktar dettaljata.

[20] Ara fol. 22 – 23 tal-process.
[21] Ara fol. 280 tal-process
[22] Ara fol. 239 tal-process.

Kif irritenit il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat**, deciza fit-8 ta' Gunju 2006: *"Din il-Qorti taqbel ma dak li qalet l-ewwel Qorti li "jekk ghandek memorja ta' xi haga dak "normalment" il-buon sens jghidlek li allura kont taf (x'ghamilt)."*

Fid-dawl tal-fatti u kunsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tikkonkludi li fil-hin tal-akkadut l-imputat kellu il-kapacita *di intendere e volere,* ghax ma giex ippruvat sal-grad tal-probabbli li kellu *a disease of the mind.* Huwa dahal fil-kamra tal-banju meta kien jaf li martu qed tipprepara biex tmur ix-xoghol, bl-intenzjoni specifika li jghallaqha. Ghal dan il-ghan, huwa dahhal mieghu ukoll charger tal-mobile fil-kamra tal-banju. Certament m'hux normali li charger tal-mobile ikun f'kamra tal-banju u Jacqueline Galea xehdet dak il-hin ma rat l-ebda affarijiet li ma jappartjenux lil bathroom,[23] u l-imputat qatt ma ta spjegazzjoni ta' kif ic-charger spicca fil-kamra tal-banju. L-unika spegazzjoni logika hi, li kien l-imputat stess li dahhlu mieghu fil-kamra tal-banju, sabiex jekk ma jirnexxielux jghallaqha bil-forza ta' idejh, juza l-wire tac-charger, kif fil-fatt ghamel. Il-Qorti teskludi li waqt l-aggressjoni l-imputat kien b'xi mod, fi stat konfuzjonali jew dissocjattiv, stante illi kif diga inghad anki dak in-nhar stess tal-akkadut, huwa ftakar fid-dettal certi aspetti u hinijiet fl-izvolgiment tal-attentat ta' qtil.

Ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-imputat, li hu kien fi stat ta' genn meta ghamel attentat biex joqtol lil martu.

*L-Iskuzanti tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh*

Subordintament, id-difiza qed teccepixxi l-iskuzanti tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh ai termini tal-Artikolu 227(c) tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi hekk:

*"L-omiċidju volontarju hu skużabbli –*

... ...

[23] Ara fol. 237 tal-process.

*(ċ) meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*

*Sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."*

In sostenn ta' din it-tezi, id-difiza tissottometti li meta l-imputat qal li waqghet dalma fuqu, dan ifisser li kellu agitazzjoni tal-mohh u ma kienx f'posizzjoni li jirrifletti fuq il-konsegwenzi tal-agir tieghu. Id-difiza tkompli tissottometti li malli l-imputat gietu lura l-lucidita u seta' jirrifletti, huwa mill-ewwel iddezista minn dak li kien qed jaghmel u mill-ewwel ha azzjoni rimedjali billi cempel hu stess ghall-ambulanza u lill-pulizija.

Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Aimen Said Giali El Baden**, deciza fit-28 ta' Settembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Huwa pacifiku li l-artikolu 227(c) kien jippostula zewg sitwazzjonijiet: l-ewwel sitwazzjoni hija dik ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantaneja kagunata minn xi haga interna u minghajr necessarjament sitwazzjoni ta' provokazzjoni gejja mill-estern, ossia minn xi hadd iehor; it-tieni sitwazzjoni, li ghaliha japplika paragrafu separat taht l-istess artikolu 227(c), hi dik meta l-agitazzjoni tal-mohh jew il-passjoni istantaneja tkun kagun tal-provokazzjoni ta' haddiehor.*

*Din il-Qorti qed tghid "kien" peress li bis-sahha ta' l-artikolu 41 ta' l-Att numru III tas-sena 2002, dan il-paragrafu gie emendat billi thassru l-kliem "fil-kazijiet ta' provokazzjoni". Difatti qabel is-sinifikat ta' dan il-paragrafu kien kif deskritt fil-kawza citata mill-appellant* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea*** *deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1986 fejn intqal:*

*"Minn ezami ta' l-imsemmi artikolu 241(c), u fuq l-iskorta ta' dak li gie premess, ghalhekk, jemergi li biex omicidju volontarju jkun skuzabbli jinhtieg li l-persuna li tikkommettieh, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx fi stat li tqis l-eghmil taghha imhabba li tkun taht l-influwenza immedjata (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Sija fil-kaz ta' passjoni istantanja u sija fil-kaz ta' agitazzjoni tal-mohh, jibqa' dejjem mehtieg li l-persuna li toqtol*

*tkun taht l-influwenza immedjata ta' wiehed jew l-iehor minn dawn l-istati mentali; Dan l-istat mentali ta' l-akkuzat jista' jkun dovut, ghalkemm mhux necessarjament, ghall-provokazzjoni, u jinghad 'jista' jkun' il-ghaliex mhux impossibbli l-kaz ta' persuna taht l-influwenza immedjata ta' agitazzjoni tal-mohh bla ma jkun hemm l-ebda provokazzjoni, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-infanticidju…."*

*Dik l-istess sentenza mbaghad tkompli tghid:*

*"Kif diga` rilevat, biex iservu ta' attenwant ghal akkuza ta' omicidju volontarju, kemm il-passjoni istantanja u kemm l-agitazzjoni tal-mohh, li taht l-influwenza taghhom persuna tagixxi, iridu jkunu tali li mhabba fihom dik il-persuna, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-eghmil taghha. U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna (f'paragrafu separat taht l-inciz (c) ta' l-imsemmi artikolu 241) li fil-kazijiet ta' provokazzjoni, cioe` f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar imhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat**, deciza fit-8 ta' Gunju 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-guri dwar l-elementi necessarji sabiex jissussisti dan l-iskuzanti tal-agitazzjoni tal-mohh. Fl-indirizz tieghu, l-Imhallef qal hekk:

*"X'ifisser agitazzjoni tal-mohh fil-ligi taghna – diga` accennajt ghaliha – dina tfisser li l-mohh ta' dak li jkun ikun agitat, imhawwad – issa frott ta' biza', inkwiet, droga, emozzjoni, huwa rrilevanti – b'tali mod li huwa ma setax iqis l-ghemil tieghu – bl-ingliz nghidu 'he was incapable of reflecting'. Hawn hekk tkun nieqsa mhux il-kapacita` li taghraf u li trid, izda l-kapacita` li tirrifletti dwar il-konsegwenzi ta' dak li tkun qed taghmel. … … Jekk issibu din l-agitazzjoni tal-mohh tiddikjarawha billi tghidu li l-akkuzat huwa hati jew ta' omicidju volontarju, jew ta' offiza gravi li gabet il-mewt, b'dan li d-delitt sar fil-waqt li Muscat kien taht influwenza immedjata – bl-ingliz … … l-influwenza immedjata hija first transport.*

*Jigifieri tant ma kellekx cans tirrifletti dwar il-konsegwenzi li qbadt u ghamilt xi haga – sewwa – first transport of mental excitement."*

Issa mill-provi u anke mir-relazzjoni tat-tlett periti perizjuri jirrizulta li l-imputat kien ghaddej minn stress emozzjonali, u kien ilu ghaddej minn dan l-istress ghal tal-inqas tlett xhur qabel l-incident. Pero sabiex tigi ippruvata din l-iskuzanti mhux bizzejjed li jigi ippruvat li l-imputat kellu stress emozzjonali, imma jrid jigi ippruvat ukoll li ikkometta d-delitt *"taht l-influwenza immedjata"* ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, kien jista' jqis l-egħmil tieghu – u cioe ma kellux cans jirrifletti.

Fil-fatt il-proviso tal-Artikolu 227(c) jippreskrivi hekk: *"Sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."* Il-Qorti tirrileva li skond dan il-proviso, it-test li ghandu jigu uzat huwa wiehed oggettiv, u cioe jekk ir-raguni li tat lok ghas-sahna tad-demm, kienet wahda li f'persuna ta' nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt, u mhux it-test soggettiv, u cioe jekk din ir-raguni kienitx sufficjenti biex tiddepriva lill-imputat odjern milli effettivament jezercita s-*self-control* tieghu.[24]

Inoltre, mid-dicitura ta' dan il-proviso jidher li l-influwenza ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li tahkem lill-imputat, ghalkemm mhux necessarjament kagunata minn provokazzjoni, trid ikun reazzjoni ghal xi incident li sehh ftit qabel gie kommess id-delitt, liema incident ikkagunalu sahna ta' demm li impedih milli jirrifletti dwar il-konsegwenzi tal-agir tieghu. Jekk bejn l-incident li pprovokalu s-sahhna ta' demm u d-delitt, ikun ghadda trapass ta' zmien sufficjenti biex setghet terga' tirrenja r-raguni u jkun jista' jirrifletti, id-delitt ma jkunx sar kawza tas-sahna tad-demm, imma b'vendetta.

Issa mill-provi migbura ma jirrizultax li dak in-nhar li l-imputat aggredixxa lil martu, jew il-gurnata ta' qabel, kien hemm xi incident bejniethom li seta' ikkagunalu tali sahna ta' demm. L-iktar wiehed li jista' jghid hu, li jekk ghall-grazzja tal-argument biss tigi emmnuta l-

[24] Ara in-notamenti ta' **Prof. Anthony Mamo** a fol. 241.

verzjoni tal-fatti li l-imputat ta lit-tlett esperti psikjatrici, li meta Jacqueline Galea kienet fil-kamra tal-banju, l-imputat mar minn warajha u ipprova jghannaqha u jbusha, hu hass li kienet qed iddejjaqha. Pero certament ma jistghax jinghad li, anke kieku dan huwa minnu – ghaliex il-verzjoni ta' Jacqueline Galea hija differenti – tali sens ta' rifjut mill-mara huwa wiehed li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma tkunx kapaċi li tqis il-konsegwenzi ta' eghmilha. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw jekk ghal grazzja tal-argument biss, tigi emnuta l-verzjoni li l-imputat ta fl-istqarrija tieghu u kkonferma bil-gurament quddiem din il-Qorti, u cioe li huwa pprova jitkellem ma martu biex jirrangaw, u hi qaltlu li riedet tmur ix-xoghol u li xebghet tisma l-istess diskors. Imbaghad dahlet fil-kamra tal-banju, u qalet xi diskors, li ma setghax jiftakar x'kien, imma li bih fehem li qed idejjaqha.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, mill-provi migbura ma jirrizultax li hemm ir-rekwiziti mehtiega mill-ligi sabiex din il-Qorti tkun tista tikkonkludi li ghandu jigi applikat l-iskuzanti tal-passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh.

*Il-Meritu*

Dwar il-meritu, huwa ammess mill-imputat stess li huwa pprova jghallaq lil martu, pero jirrizulta ampjament mill-provi li iddezista volontarjament milli jikkonsma r-reat. Irrizulta wkoll mill-provi li l-imputat kien ufficjal tal-pulizija meta ikkommetta dan ir-reat.

Konsegwentement, l-imputat hu hati ta' attentat ta' omicidju volontarju, aggravat bil-fatt li dan ir-reat gie kommess meta hu kien ufficjal tal-Pulizija.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat iddezista volontarjament milli jikkonsma d-delitt, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Kriminali huwa ghandu jehel biss il-piena ghall-atti li lahaq ghamel. Mir-rapport tal-espert Dottor Mario Scerri jirrizulta li bl-eghmil tieghu, l-imputat qieghed il-hajja ta' Jacqueline Galea fil-perikolu

tal-mewt,[25] u ghalhekk huwa ghandu jehel biss il-piena ghal ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(a) tal-Kodici Kriminali, li fiz-zmien li fih gie kommess ir-reat kien jikkontempla piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin.

Inoltre, jirrizulta ampjament mill-provi li l-imputat kien ufficjal tal-Pulizija meta kkommetta r-reat, u konsegwentement din il-piena ghandha tizdied bi grad ai termini tal-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-piena applikabbli hija minn sitt (6) xhur sa erba' (4) snin prigunerija.

Il-fedina penali tal-imputat hija relattivament netta, hlief ghal zewg kundanni relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, u l-ahhar kundanna tmur lura ghas-sena 1991.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li l-imputat ma kienx jimmeritah piena ta' habs effettiv, ghax gara li gara kien kawza ta' mard, irrispettivament jekk jikkwalifikax bhala genn, u dan il-mard ma gabux fuqu jew b'idejh l-imputat. Huwa vera li mill-provi jirrizulta li jumejn qabel l-incident, l-imputat gie ezaminat mill-psikjatra Dottor Cassar li ippreskrivilu xi pilloli, u li wara l-incident l-esperta Dottor Ethel Felice irrakomandat li jigi rikoverat fl-isptar Monte Carmeli, fejn baqa' pazjent tal-istess sptar ghal snin taht il-kura ta' Dottor Cassar, pero wara circa sitt gimghat beda jinghata l-leave biex johrog ghal xi sieghat mill-isptar, u dan il-leave kompla jizdied sakemm gie anke awtorizzat jorqod ghal xi granet fil-gimgha ghand ommu.

Pero it-tlett esperti psikjatrici – li ezaminaw lill-imputat iktar minn sena wara l-akkadut u raw in-noti klinici - mhux biss ikkonkludew li l-imputat ma kienx fi stat ta' genn fit-termini tal-ligi meta sehh l-akkadut, imma li l-imputat kien ghaddej biss minn stress emozzjonali, u mkien ma jghidu li kien qed ibati minn xi tip ta' mard ta' natura psikjatriku iehor (*"a disease of the brain"*), li ma jammontax ghal stat ta' genn. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti m'ghandhiex raguni valida ghalfejn tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet ta' dawn it-tlett esperti psikjatrici. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li l-agir tal-imputat kien kagunat minn mard ta' natura psikjatriku, anke jekk dan il-mard ma jikkwalifikax bhala genn ai termini tal-ligi.

[25] Ara wkoll ix-xhieda ta' Dottor Jonathan Joslyn a fol. 38-39 tal-process, u tal-Ispettur Jesmond Borg a fol. 31 tal-process.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax ma taghtix piz lill-fatt li Jacqueline Galea, mart l-imputat, xehdet li hi kienet lesta li tahfer lill-imputat, ghax fl-opinjoni taghha dak li ghamlilha ghamlu ghax kien marid. Qalet ukoll li ghal din ir-raguni l-imputat ma haqqux imur il-habs.[26] Qalet li hu kien ragel tajjeb u qatt ma kien gholla jdejh fuqha jew weggahha qabel dan l-incident. Kien ukoll missier tajjeb ghal uliedhom. Sa mill-ewwel xhieda taghha li tat fl-atti tal-inkjesta, ftit granet qabel l-akkadut, hija qalet hekk: *"Kevin never beat me or in any way harmed me before this incident. He is not that kind of person. He is a caring person and I think he needs help."*

Minn xhieda tal-Ispettur Joseph Hearsey[27] jirrizulta wkoll li l-imputat kien ragel tal-familja u dejjem ha hsieb lil martu u wliedu. Pero kif diga inghad sfortunatament ir-relazzjoni bejn il-koppja bdiet sejra progressivament lura meta l-imputat beda, ghal xi raguni jew ohra, jsofri minn impotenza sesswali. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-imputat kien ukoll ufficjal tal-pulizija ezamplari.

Inoltre mill-provi irrizulta ampjament li l-imputat iddezista volontarjament milli jikkonsma d-delitt, u malli ra l-istat li fih kienet martu mill-ewwel cempel lill-ambulanza u lill-Pulizija, u ta l-ewwel ghajnuna lil martu biex tkompli tiehu n-nifs sakemm waslet l-ambulanza u haditha l-isptar.

Pero min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' ta' dan ir-reat – dan mhux biss reat ta' attentat ta' omicidju, fejn hajjet il-vittma kienet fil-perikolu imminenti tal-mewt, imma attentat ta' omicidju ta' mara minn zewgha, reat ta' vjolenza domestika, li sfortunatament f'dawn l-ahhar snin dawn it-tip ta' kazijiet qeghdin isiru aktar frekwenti, tant li ftit tax-xhur ilu l-legislatur hass li kellu jemenda l-ligi fir-rigward sabiex *inter alia* tinghata iktar protezzjoni lill-vittma u joghlew il-pieni. Inoltre, dan ir-reat gie kommess minn ufficjal tal-Pulizija, li xogholu hu precizament li jissorvelja sabiex ma jsirux dawn ir-reati.

Din il-Qorti tista' tifhem it-talba tal-vittma u mart l-imputat li l-imputat ma jinghatax piena ta' prigunerija effettiva, ghax din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-vittma hija wkoll maqbuda f'kunflitt emottiv stante li, ghall-inqas sa qabel l-akkadut, hi kienet ippruvat issalva z-zwieg

[26] Ara fol. 254, 267-268 tal-process.
[27] Ara fol. 287 *et seq.* tal-process.

taghhom billi tfittex l-ghajnuna ta' counsellor u psikjatra, u stante wkoll li hi zgur konsapevoli li z-zewgt itfal taghhom ma jridux jaraw lil missierhom il-habs.

Min-naha l-ohra, wara li irriflettiet fit-tul, din il-Qorti thoss li tkun qed tonqos mid-dover taghha jekk ma taghtix piena karcerarja effettiva, ghaliex huwa obbligu taghha li tghaddi messagg ta' determinazzjoni u severita ghall-vjolenza domestika.

Pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena karcerarja ghandha tkun fil-minimu permissibbli skond il-ligi, u cioe ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Tenut kont tax-xhieda tal-vittma, din il-Qorti ma thossx in-necessita' li timponi obbligi ta' garanzija fuq il-hati sabiex ma javvicinax lill-vittma jew tohrog xi ordni ta' trazzin favur il-vittma. Fil-fatt ma ntalbitx il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni favur il-vittma, pendenti dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214, 216(1)(a) u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk din il-komunika issir lilu waqt li jkun ghadu jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi b'din is-sentenza erogata, il-hati ghandu jhallas dawn l-ispejjez fiz-zmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta din il-piena, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont

jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**